

Brussell, 1 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16040/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0227(COD)

AGRI 749
AGRILEG 314
SEMENCES 109
PHYTOSAN 119
FORETS 188
CODEC 2279
IA 340

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) / Kunsill
Nru dok. Cion:	11503/23
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031, 2017/625 u 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 2002/53/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE, 2002/57/KE, 2008/72/KE u 2008/90/KE (ir-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti) - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat żewġ proposti leġiżlattivi relatati mill-qrib biex tirrevedi u taġġorna r-regoli dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti (PRM) u tal-materjal riproduttiv tal-foresti (FRM) fl-UE. Dawn huma parti mill-pakkett tal-Kummissjoni dwar l-ikel u l-bijodiversità, sett ta' proposti leġiżlattivi li jkopru wkoll is-saħħa tal-ħamrija, tekniki ġenomiċi ġodda u r-reviżjoni parzjali tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart. Ġew ippreżentati lill-Kunsill fis-6 ta' Lulju 2023.

2. Bħalissa, il-leġiżlazzjoni tinkludi Direttiva dwar il-katalgu komuni tal-varjetajiet ta' speċijiet ta' pjanti agrikoli u l-11-il Direttiva dwar il-kummerċjalizzazzjoni li jkopru ż-żrieragħ, il-materjal riproduttiv tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-foresti. Uħud mid-direttivi jmorru lura għas-sittinijiet. Din il-frammentazzjoni tar-regoli tikkawża prattiki ta' implimentazzjoni diverġenti fl-Istati Membri u tirriżulta f'piż amministrattiv għoli għall-awtoritajiet kompetenti u għall-operaturi. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni attwali mhijiex koerenti ma' leġiżlazzjoni oħra dwar is-saħħa tal-pjanti, il-kontrolli uffiċjali u l-OĠM, hija antikwata minn perspettiva xjentifika, teħtieġ l-innovazzjoni biex tippromwovi varjetajiet imtejbja u tadatta għall-isfidi klimatiċi l-ġodda sabiex tissodisfa l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku, b'mod partikolari l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-Istrateġija għall-Bijodiversità.
3. Il-proposta dwar il-PRM¹ tintroduċi approċċ leġislattiv ġdid peress li tissostitwixxi għaxar Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni b'regolament wieħed. B'mod partikolari timmira biex:
- tissimplifika l-qafas legali permezz ta' regoli ċċarati u armonizzati,
 - tiffaċilita l-progress tekniku sabiex jitrawmu teknoloġiji diġitali u ġodda bħall-użu ta' tekniki bijomolekulari,
 - tnaqqas il-piż amministrattiv,
 - tiżgura d-disponibbiltà ta' PRM ta' kwalità għolja adattat għall-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali li jinbidlu,
 - tiżgura s-sigurtà tal-ikel, il-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u l-protezzjoni tal-bijodiversità, u
 - ittejjeb il-koerenza mal-kontrolli uffiċjali u l-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti.

¹ 11502/23 + ADD 1

Ir-Regolament il-ġdid ikopri ż-żrieragħ kif ukoll kull forma oħra ta' materjal maħsub għall-propagazzjoni veġetattiva ta' pjanti sħaħ. Ma jkoprix materjal riproduttiv tal-foresti, pjanti ornamentali, PRM esportat lejn pajjiżi terzi jew PRM maħsub għal skopijiet oħra mhux ta' kummerċjalizzazzjoni.

4. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali għandu r-responsabbiltà ewlenija u s-Sur Herbert Dorfmann (PPE, l-Italja) inħatar bħala rapporteur. L-abbozz ta' rapport tiegħu ġie ppubblikat fl-10 ta' Novembru 2023. Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel ser jagħti opinjoni.

II. SITWAZZJONI ATTWALI TAL-ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha² f'vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar Riżorsi Ġenetiċi u Innovazzjoni fl-Agricoltura (minn hawn 'il quddiem "il-Grupp ta' Ħidma") fis-6 ta' Lulju 2023, li kienet segwita minn preżentazzjoni fil-Kunsill AGRIFISH fil-25 ta' Lulju 2023.
2. L-eżami u d-diskussjonijiet dettaljati tal-artikoli tal-proposta komplew bejn Settembru u Diċembru 2023. Matul il-Presidenza Spanjola total ta' tliet laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma ffukaw fuq l-eżami u d-diskussjoni tal-Artikoli 1-22 tal-proposta.

KWISTJONIJIET EWLENIN U PROGRESS MIKSUB

3. Kien hemm għadd kbir ta' kummenti tekniċi mid-delegazzjonijiet kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub dwar it-test sħiħ tal-proposta. Kif indikat hawn fuq, il-Presidenza Spanjola ħadmet fuq test rivedut għall-Artikoli 1-22 u ppruvat takkomoda l-biċċa l-kbira ta' dawn il-kummenti, bl-għan li tiżviluppa u tiċċara l-kontenut ta' dawn l-Artikoli.

² 11694/23

a) **Kummenti ġenerali**

Id-delegazzjonijiet jappoġġaw b'mod ġenerali l-oġġettivi ewlenin tal-proposta li għandhom l-għan li jiċċaraw il-leġislazzjoni attwali dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti, iżidu l-konsistenza u jippermettu l-introduzzjoni ta' żviluppi xjentifiċi u tekniċi ġodda. Huma jilqgħu wkoll iż-żamma taż-żewġ pilastri tas-sistema attwali (reġistrazzjoni tal-varjetajiet u ċertifikazzjoni).

Il-kummenti ġenerali pprovduti mid-delegazzjonijiet jidentifikaw diversi oqsma fejn id-dispożizzjonijiet jeħtieġ li jiġu kkompletati u ċċarati:

– **Piż amministrattiv**

Ħafna delegazzjonijiet jemmnu li, abbażi tal-kontenut tal-proposta, il-piż amministrattiv għall-operaturi u l-awtoritajiet kompetenti jiżdied f'ċerti oqsma u jsir sproporzjonat.

Il-proposta tabilħaqq fiha rekwiżiti addizzjonali ta' rappurtar u awditjar għall-awtoritajiet kompetenti u għadd kbir ta' awtorizzazzjonijiet jew obbligi ta' reġistrazzjoni għall-operaturi professjonisti li jżidu b'mod konsiderevoli l-burokrazija. L-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' superviżjoni u kontroll għal oqsma li għadhom mhumiex regolati, bħall-awtorizzazzjoni għall-imballaġġ mill-ġdid u t-tikkettar mill-ġdid jew l-awtorizzazzjoni għall-produzzjoni ta' tipi partikolari ta' materjal, iżżid ukoll mal-piż amministrattiv.

– **Strument legali/għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni**

Il-proposta tgħaqqad għadd kbir ta' direttivi attwali f'Regolament wieħed. Xi delegazzjonijiet huma tal-fehma li d-dispożizzjonijiet tiegħu spiss huma vagi u li fih għadd kbir ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni, li jirriskjaw li jiġġeneraw inċertezza legali, frammentazzjoni akbar u inkoerenza mar-regoli nazzjonali attwali. Dawk id-delegazzjonijiet huma tal-fehma li jeħtieġ li jinstab bilanċ bejn armonizzazzjoni u flessibilità akbar għar-rekwiżiti nazzjonali.

– **Applikazzjoni**

Ir-Regolament ser japplika tliet snin wara li jidħol fis-seħħ. Madankollu, din l-iskeda ta' żmien tidher li hija qasira wisq għal xi delegazzjonijiet minħabba li r-Regolament fih għadd kbir ta' dispożizzjonijiet għal atti ta' implimentazzjoni. Dawk id-delegazzjonijiet isostnu li l-Istati Membri ser jeħtieġu aktar żmien peress li ser ikollhom jadottaw atti legali nazzjonali addizzjonali.

– **Inklużjoni fir-Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali**

Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li l-leġiżlazzjoni dwar il-PRM tiddaħħal fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 (OCR) jeħtieġu analiżi ulterjuri. Id-delegazzjonijiet jibzgu li l-iżvantaġġi jistgħu jegħlbu l-benefiċċji peress li dan ser iżid il-piż amministrattiv u finanzjarju fuq l-awtoritajiet kompetenti minħabba obbligi ġodda ta' awditjar u rappurtar.

– **Eżenzjonijiet**

Xi delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar l-eżenzjonijiet mir-reġistrazzjoni mogħtija lill-materjal eteroġenju użat għall-biedja konvenzjonali, l-eżenzjonijiet għall-iskambju taż-żrieragħ bejn il-bdiewa u l-PRM ikkummerċjalizzat għall-utenti finali.

– **VSCU/DUS**

Ħafna delegazzjonijiet jiddubitaw l-obbligi tal-valutazzjoni tal-VSCU (valur għall-kultivazzjoni u għall-użu sostenibbli) għall-ispeċijiet tal-frott u l-ħxejjex. Il-kostijiet biex jitwettqu t-testijiet tal-VSCU fuq varjetajiet ta' speċijiet ta' frott u ħxejjex u l-organizzazzjoni kumplessa ta' testijiet bħal dawn jistgħu ma jkunux sostenibbli għal kumpaniji medji u żgħar tat-tniissil. Barra minn hekk, hemm dubji dwar ir-rikonoxximent tat-testijiet kollha tad-DUS (id-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà) u tal-VSCUs imwettqa minn Stati Membri oħra minħabba kundizzjonijiet klimatiċi differenti u s-sistema attwali tal-kontroll tal-kwalità.

b) Kummenti dwar l-Artikoli 1-22

Id-delegazzjonijiet għamlu r-rimarki li ġejjin b'mod partikolari:

– **Suġġett (l-Artikolu 1)**

Mhuwiex ċar jekk dan ir-Regolament għandux jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-kontroll tal-kundizzjonijiet tal-kultivazzjoni jew l-użu tal-PRM għajr għall-produzzjoni tal-ikel, l-għalf u prodotti oħra.

– **Kamp ta' Applikazzjoni (l-Artikolu 2)**

Hemm bżonn ta' kjarifika tar-rekwiżiti għall-inklużjoni ta' speċijiet ġodda fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, xi pajjiżi talbu l-inklużjoni ta' klawżola biex jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ċertu PRM li mhuwiex immirat lejn l-isfruttament kummerċjali ta' varjetà, l-hekk imsejħa klawżola ta' "ċirkwit magħluq".

– **Definizzjonijiet (l-Artikolu 3)**

Xi definizzjonijiet jeħtieġ li jiġu riformulati biex jiġu ċċarati ċerti aspetti, b'mod partikolari d-definizzjoni ta': "utenti finali", "varjetà ta' konservazzjoni", "deskrizzjoni rikonossuta uffiċjalment", "pesti ta' kwalità", "kummerċjalizzazzjoni", "barra t-tip" u "varjetà ibrida"); oħrajn jeħtieġ li jiġu allinjati ma' dawk fil-leġislazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti (pereżempju "operatur professjonist" u "żrieragħ") jew mal-iskemi taż-żrieragħ tal-OECD. Fl-aħħar nett, ħafna delegazzjonijiet talbu t-tħassir ta' "taħlitiet multiklonali". Id-definizzjonijiet ser jiġu riveduti għat-tieni darba fid-dawl tal-ewwel eżami sħiħ tal-artikoli li huma relatati magħhom.

– **Rekwiżiti ġenerali għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni (l-Artikoli 5-10)**

Il-PRM tal-ispeċijiet inklużi fl-Anness 1 jista' jiġi prodott u kkummerċjalizzat biss jekk l-ispeċijiet ikunu rreġistrati f'reġistru tal-varjetajiet nazzjonali jew Ewropew u biss jekk ikunu jappartjenu għall-kategoriji li ġejjin (prebażiku, bażiku, iċċertifikat u standard). L-esklużjoni taż-żrieragħ kummerċjali għadha qed tiġi diskussa. Id-derogi mir-reġistrazzjoni japplikaw għall-materjal eteroġenju, għall-PRM ikkummerċjalizzat lill-utenti finali jew bejn in-networks ta' konservazzjoni u għall-iskambju taż-żrieragħ bejn il-bdiewa.

Kloni magħżula, u PRM poliklonali jistgħu jiġu inklużi wkoll f'reġistri speċifiċi, u jiġu prodotti u kkummerċjalizzati skont regoli speċifiċi. Xi delegazzjonijiet indikaw li tali dispożizzjonijiet ma għandhomx japplikaw għal kloni jew taħlitiet multiklonali.

Operatur professjonist jista' jiġi awtorizzat mill-awtorità kompetenti biex jiċċertifika l-PRM għal materjal jew żrieragħ prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati taħt superviżjoni uffiċjali. F'dan ir-rigward, xi delegazzjonijiet talbu li tinżamm il-possibbiltà li jiġu rrifjutati awtorizzazzjonijiet għal ċerti attivitajiet sensitivi. Barra minn hekk, huma indikaw li jistgħu jappoġġaw iċċertifikazzjoni tal-PRM taħt superviżjoni uffiċjali fil-każ biss jekk ir-regoli dettaljati dwar il-kontrolli jibqgħu kompetenza nazzjonali. Xi delegazzjonijiet talbu wkoll li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu allinjati mar-Regolament dwar l-OCR.

– **Tikkettar (l-Artikoli 15-20)**

Ir-regoli għat-tikkettar tal-PRM huma stabbiliti sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni korretta tiegħu. Id-delegazzjonijiet talbu kjarifika ta' xi aspetti b'mod partikolari rigward il-konformità mal-obbligi għall-passaporti tal-pjanti li jinsabu fil-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti, u rigward rekwiżiti speċifiċi għal tipi differenti ta' PRM b'tikkettar obligatorju.

– **Taħlitiet ta' żrieragħ (l-Artikoli 21 u 22)**

Għadd ta' delegazzjonijiet talbu għall-possibbiltà li jsiru taħlitiet ta' żrieragħ ukoll ma' speċijiet inklużi fl-Anness I parti B, u ma' speċijiet oħra li mhumiex koperti minn dan ir-Regolament, peress li dan huwa attwalment possibbli bil-leġiżlazzjoni applikabbli.

4. Il-Prezidenza tippjana li tkompli dawn id-diskussjonijiet fil-ġimgħat li ġejjin u ser taħdem fuq test tal-Prezidenza. Il-Prezidenza ser torganizza vidjokonferenza informali ulterjuri tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma fid-19 u l-20 ta' Diċembru 2023 bil-ħsieb li tippreżenta suġġerimenti għall-abbozzar mill-ġdid tal-Prezidenza³ għall-artikoli li ġew eżaminati s'issa bl-għan li jiġi żviluppat u ċċarat il-kontenut tagħhom.
 5. Abbażi tal-progress li sar taħt il-Prezidenza Spanjola, il-Prezidenza Belġjana li jmiss qed tippjana li tkompli l-ħidma fuq dan il-fajl fil-livell tekniku.
 6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jieħu nota tal-progress li sar fl-eżami tal-proposta u jiskambja fehmiet.
-

³ 16295/23 (għandu jiġi ppubblikat dalwaqt).